**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KAX 03-2014.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Settembru 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.*
Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson*.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.
Assenti kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' Settembru 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.
3. Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.
4. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
5. Mistoqsijiet mill-membri.
6. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KAX 02-2014.

**2.00 Memo 25/2014 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015.**

2.01 Il-Kumitat kien applika għall-iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2014-2015. Kien applika sabiex fis-sena 2015 isiru:

- Żewġ mixjiet iggwidati minn gwida professjonali mal-kosta u l-irdum tax-Xlendi fejn issir mixja mix-Xlendi għad-Dwejra u oħra mix-Xlendi għal Imġarr ix-Xini.
- *Beginner dives course* għar-residenti tax-Xlendi u Il-Munxar mill-iskejjel professjonali tad-*diving* kollha tax-Xlendi.
- *Water Fun Park* miftuħ għal kulħadd bla ħlas.
- *Self Defence Course* għat-tfal u ser ikun għall-*beginners*.
- Giochi it's a Knock Out fejn 4 gruppi jisfidaw lil xulxin f'diversi logħob u jiġi ppremjat il-grupp rebbieħ.

**3.00 Sejħiet għall-Offerti – Xogħlijiet fix-Xlendi.**

3.01 Id-disa' offerti li ġew ippubblikati ser jagħlqu fil-31 t'Ottubru 2014 fl-10 ta' filgħodu. L-offerti minn numru 1 sa numru 5 jikkonċernaw xogħlijiet iffinanzjati mill-Miżuri 313 u 323. Peress li x-xogħol irid ikun lest sal-10 ta' Diċembru 2014, se jinħatar *adjudication board* u se jibda jiltaqa' eżattament wara li jinfetħu l-offerti. Il-membri tal-Kumitat intalbu jridux ikunu membri f'dan l-*adjudication board*. Is-Sinjorina Charmaine Vella aċċettat li tkun membru.

**4.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

4.01 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand il-JP2 Foundation fejn qed jipproponu li jorganizzaw serata mużika-letterarja fil-kappella tal-Knisja tax-Xlendi nhar il-Ħadd, 5 t'Ottubru 2014 fis-6 ta' filgħaxija. Huma qed jitolbu l-ħlas ta' €175 sabiex jiġi pprintjat *flyer* u jitqassam f'kull dar fil-Munxar, Ix-Xlendi, Ta' Sannat, Ta' Kerċem u Il-Fontana. Kien hemm qbil li l-Kumitat jikkontribwixxi s-somma ta' €75.

4.02 Il-Kumitat irċieva mingħand il-MEPA fejn infurmat lill-Kumitat li saret PC Application biex tiġi emendata kantuniera fi Triq ir-Rabat ma' Triq il-Ġostra fix-Xlendi. Il-Kumitat ser jitlob lill-MEPA tibgħat aktar informazzjoni dettaljata.

4.03 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu rapport mill-Kumitat rigward applikazzjoni li saret għal *reserved parking*. Din it-talba saret minn persuna li toqgħod fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi. Il-Kumitat ma għandux informazzjoni dwar din il-persuna u għaldaqstant ir-rapport ma huwiex ser isir.

4.04 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur ta' Transport Malta rigward it-talba li saret sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq iż-Żirżieb faċċata ta' *garage* li jkun irid idaħħal opra tal-baħar. Il-Kumitat ġie infurmat li din it-talba ġiet irrifjutata għaliex *double yellow lines* faċċata ta' *garage* jsiru biss sabiex toħroġ il-karozza u mhux opra tal-baħar.

**5.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

5.01 Is-Sinjorina Charmaine Vella staqsiet dwar l-applikazzjoni tal-ġemellaġġ peress li din ser issir għas-sejħa li jmiss. Il-MEUSAC ser jgħinu f'din l-applikazzjoni.

Is-Sinjorina Charmaine Vella informat lill-Kumitat li l-applikazzjoni għall-fondi għall-*event* tal-20 ta' Diċembru 2014 ma setgħatx issir mill-Kumitat, imma minn ditta privata. Sadanittant il-Kumitat ser ikompli jaħdem sabiex jiġbor *sponsor* għat-tinda li se tintuża f'din l-attività.

**6.00 Materji oħra.**

6.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 22 t'Ottubru 2014, fis-7.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Mark Busuttil** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |